**FIT-TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR**

**Ġudikatur: Avv. Dr Christopher Chircop**

**Seduta ta' nhar L-Erbgħa 25 ta' Ġunju 2025**

Talba Numru: 274/2022 CC

**Integrated Electronics Ltd [C 14470]**

**Vs**

**Robert Borg [KI 520982 (M)]**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviż tat-Talba preżentat fl-4 ta' Ottubru 2022, fejn is-soċjeta' attriċi talbet lil dan it-Tribunal jikkundanna lil konvenut Robert Borg sabiex iħallas lill-istess soċjeta' attriċi s-somma ta' elf, erbgħa mija u disa' u ħamsin ewro u sittin ċenteżmi (€1459.60c) rappreżentanti materjal konsistenti f'batteriji u inverters tal-pannelli solari ordnati mill-konvenut Robert Borg u debitament ikkonsenjati lilu mingħajr ma l-konvenut ħallas il-valur totali mitlub mis-soċjeta' attriċi.

Is-Soċjeta' attriċi talbet ukoll l-ispejjeż ta' dawn il-proċeduri, kif ukoll l-ispejjeż tal-ittra tal-20 ta' Lulju 2022 u l-imgħax legali.

Ra r-risposta tal-konvenut preżentata fit-2 ta' Novembru 2022 fejn sostna:

1. Illi t-talbiet attriċi huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u għaldaqstant għandhom jiġu miċħuda in toto.

2. Illi s-soċjeta' attriċi naqset milli tipprovdi lill-esponenti l-garanzija tal-prodotti mixtrija minnu, u dan minkejja li tali garanzija kienet imwiegħda mis-soċjeta' attriċi u ġiet rikjesta mill-esponenti.

3. Illi s-soċjeta' attriċi ma tistax tippretendi pagament meta hija stess ma onoratx l-obbligi kuntrattwali assunti minnha, kif se jiġi ppruvat.

4. Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjeż kontra tagħha.

Ra li l-partijiet iddikjaraw li m'għandhomx aktar provi xi jressqu u ddikjaraw il-provi bħala magħluqa.

Ra x-xhieda.

Ikkunsidra l-provi dokumentarji kollha.

Ra l-atti proċesswali kollha.

Ra u sema' it-trattazzjoni finali tal-partijiet.

Ra li t-Talba tħalliet għas-sentenza.

**Ikkunsidra**

Illi in sostenn tat-talba tagħha kontra l-konvenut, is-soċjeta' attriċi resqet is-segwenti provi:

1. **Robert Borg** ġie msejjaħ sabiex jixhed in subizzjoni. Fis-xhieda tiegħu l-konvenut Robert Borg sostna li huwa kien jixtri x-xogħol mingħand Integrated Electronics. Huwa kien jixtri batteriji, inverters, cameras u recorders. Huwa sostna li ma kienx ingħata garanzija tal-batteriji u inverters li kienu jintużaw għal pannelli. Sostna li huwa kien fadallu jħallas l-aħħar pagament u sostna li huwa kien ħallas mingħajr ma kien ingħata l-garanzija. Sostna li wieħed mill-klijenti tiegħu u cjoe Tano Busuttil kellu xi problemi bil-batteriji għaliex ma kienux qegħdin jagħtu l-persentaġġ li suppost jagħtu u l-garanzija tal-batteriji baqgħu qatt ma waslu mingħand l-attriċi. Huwa sostna li l-batteriji qatt ma ġew mmarkati b'xi numru, b'isem jew b'xi serial number u għalhekk huwa ma setgħax jiddentifika jekk il-batterija li ġratilha l-ħsara kinitx installata riċentament jew snin ilu. Sostna li huwa kien xtara l-fuq minn mitt batterija. Sostna li huwa kellu jmur jixtri l-batteriji mingħand ħaddiehor u l-ispejjeż ħariġhom minn butu. Sostna wkoll li meta xtara mingħand ħaddiehor il-garanzija ngħatatlu dak il-ħin stess.

2. **Noel Spiteri** ikkonferma bil-ġurament l-affidavit tiegħu u d-dokumenti annessi miegħu. Fl-affidavit tiegħu Noel Spiteri sostna li Robert Borg ilu jixtri mingħand l-attriċi sa mis-sena 2019 u xtara b'total ta' għoxrin elf euro (€20,000) prodotti. Sostna li kull meta Robert Borg kellu xi problema jew xi diffikulta b'xi prodott huwa dejjem assistih.

   Sostna li meta l-konvenut Robert Borg fl-2021 kien għaddilu l-aħħar pagament huwa kien iwegħdu li kien se jħallsu iżda l-pagament baqa ma wasalx u minflok beda jġib l-iskuża li kien qiegħed jistenna l-garanziji mingħandhom. Sostna li minkejja li Robert Borg xehed li l-prodotti u cjoe l-batteriji tat-tip UP-TFS 250-12 ma kellhomx identification code u lanqas is-serial number, fil-fatt dawn kellhom. Mal-affidavit tiegħu huwa ppreżenta żewġ dokumenti li jindikaw serial numbers tal-batteriji.

   Insista li max-xirja tal-prodotti lil Borg kien jagħtih warranty statement certificate u bħala xerrej tal-prodott, Robert Borg kien jieħu r-responsabilta' li meta jinstalla l-istess prodott għand il-klijenti tiegħu huwa kellu jimla d-dettalji fuq dan l-imsemmi ċertifikat. Robert Borg naqas milli jimlih u meta kien jistaqsieh għas-serial number tal-materjal

huwa baqa qatt ma tahomlu. Noel Spiteri sostna li s-serial numbers kien ikollu bżonnhom sabiex ikun jaf meta ġew installati u b'liema teknika ġew installati. Huwa esebixxa kopja tal-warranty statement li ġiet immarkata bħala DOK E.

Sostna li jekk tinqala xi problema, il-fabbrika tesiġi li tingħata spjegazzjoni u mingħajrha il-fabbrika ma toffriex assistenza u garanziji. (RMA Request ġiet annessa mal-affidavit u mmarkata DOK B). Sostna li l-konvenut Robert Borg qatt ma kkomuika miegħu fuq xi problema. Sostna li Robert Borg seta' anke bagħat il-complaint form lid-ditta barra minn Malta, iżda Robert Borg minflok ma bagħtilhom complaint, fil-21 ta' Jannar 2022 bagħat email lil fabbrika sabiex jixtri direttament mingħandha sittax il-batterija, kopja tal-email ġiet annessa u mmarkata DOK C.

Sostna li minħabba li l-klijenti tal-konvenut meta ppruvaw iċemplu lill-istess konvenut huwa ma rrispondihomx. Għalhekk l-istess klijenti kkuntatjaw lid-ditta barra minn Malta u l-istess ditta rriferithom għandhom. Insista li huma taw is-servizz mistħoqq lil klijenti tal-konvenut Robert Borg, u rriżulta li l-problemi li nqalgħu kienu frott ta' xogħol ħażin u ta' xogħol li ma sarx skond l-arti u s-sengħa mill-istess konvenut Robert Borg.

In kontro-eżami huwa insista li l-invoices li joħorġu mill-kumpanija kull prodott li jinxtara awtomatikament huwa kopert b'sentejn garanzija. Huwa ammetta li fl-invoices ma kienx hemm indikati serial numbers.

Insista li ma huwiex veru li huwa ma kienx għadda lil Robert Borg il-warranty statement meta xtara l-prodotti u għaddihulu biss meta nqalgħet il-kwistjoni u insista li għandu email li jindika dan. Huwa kellu jippreżenta dan l-email.  Sostna li meta jbiegħu prodott huma ma jimlewhiex il-warranty statement. Insista li min jixtri l-prodott għandu jimliha. Sostna li huma ma jżommux record tas-serial numbers. Sostna li ma huwiex veru li huwa bagħat il warranty statement vojta meta nqalgħet il-kwistjoni, iżda ħafna qabel. Sostna li kien ilu jitlobhomlu u għandu anke Whatsapp messages bħala prova ta' dan. Huwa  ġie mitlub sabiex jeżebihom.

Sostna li l-invoice hija garanzija minnha nnifisha. Sostna li huwa għandu xi emails bħala prova li huma kienu ġew inkarigati minn xi klijenti tal-konvenut minħabba xi

ħsara li kellhom. Huwa kellu jeżebixxi dawn l-emails. Sostna li ħafna xogħol ma ġiex installat skont is-sengħa, xogħol traskurat li kien qed jikkaġuna faults fis-sistemi li l-konvenut installa.

Illi sabiex jirribatti t-talba miġjuba fil-konfront tiegħu mis-soċjeta' attriċi, il-konvenut ressaq is-segwenti provi:

1. **Nota** li permezz tagħha l-konvenut esebixxa skambju ta' korrispondenza legali u dokumenti (sales order u job cards) maħruġa minn kumpanija terza li tforni prodotti simili għal dawk mibjugħa mis-soċjeta' attriċi fejn hemm indikati s-serial numbers tal-prodotti, kif ukoll il-garanziji appożiti.

2. **Il-konvenut Robert Borg** xehed li huwa qatt ma ried li ma jħallasx il-flus lill-attriċi u fil-fatt huwa ddepożita l-flus il-Qorti, iżda huwa jrid li tingħatalu l-garanzija tal-prodotti li xtara. Din il-garanzija baqgħet qatt ma ngħatatlu u minħabba f'hekk huwa stess għad fadallu jiġbor xi flus mingħand xi klijenti li ma jridux iħallsuh qabel ma jgħaddilhom il-garanzija. Sostna li ċertu klijent Tano Busuttil ma jridx iħallsu. Lil dan il-klijent huwa kien biegħlu erba' batteriji fl-ammont ta' €600 il-waħda u inverter li jiswa €570. Il-batteries ma bdewx iżommu c-charge kif suppost.

   Sostna li fl-invoices qatt ma inkiteb is-serial numbers u dan a kuntrarju li jagħmlu kumpaniji oħra. Sostna li minħabba li xtara ħafna prodotti mingħand l-attriċi, issa ma jistax jaqbad art f'liema żmien kienu nxtraw il-prodotti. Insista li huwa kemm il-darba talab li jingħatawlu l-garanziji, iżda kien kollu ta' xejn.

   In kontro-eżami Robert Borg ikkonferma li l-flus ġew iddepożitati l-Qorti minħabba li sar sekwestru fil-konfront tiegħu.

   Sostna li huwa qatt ma għadda s-serial codes u l-indirizz ta' fejn installa l-prodotti lill-attriċi għaliex huwa qatt ma ġie mitlub sabiex jagħmel dan. Sostna li l-problema fil-batteries inqalgħet xi sena wara li ġew installati għand il-klijent Tano Busuttil.

   In ri-eżami x-xhud sostna li mill-bidu li beda jixtri l-batteriji kienu wegħduh li se jagħtuh il-garanziji iżda dawn qatt ma ngħatawlu. Il-garanziji ma jistgħu jghadduhomlu

qatt għax qabel ma nħareġ il-prodott mingħandha, l-attriċi qatt ma żammet is-serial numbers ta' dawn il-prodotti. Imbagħad meta nqalgħet il-kwistjoni ta' Busuttil, il-konvenut ġie nfurmat li l-attriċi qatt ma tagħti garanziji.

In kontro-eżami x-xhud sostna li biex jipprovdi is-serial numbers ikollu jmur għand il-klijenti kollha, iżda huwa ma huwiex ha jiftakar f'liema perjodu nxtraw il-batteriji li ġew installati fuq il-post.

3. **Gaetano Debattista** xehed li madwar erba' snin ilu, huwa kien inkariga lil konvenut Robert Borg sabiex jinstallalu s-sistema ta' pannelli u batteriji. Il-batteriji fihom il-garanzija.

   Wara xi sena l-batteriji  ma bdewx iżommu c-charge u in fatti kellu jbiddilhom. Lil konvenut infurmah li huwa ma kienx se jħallsu qabel ma jagħtih il-garanzija.

   Tal-batteriji lir-Robert Borg ma kienx ħallsu għax wara xi sentejn spiċċa biex kellu jixtri batteriji ġodda minħabba li l-garanzija baqgħet qatt ma wasslet. Robert Borg kien dejjem jgħidlu li huwa qiegħed jistenna li tingħatalu l-garanzija mingħand min kien xtrahom.

4. Fis-seduta tal-20 ta' Jannar 2025 Dr Ruth Ellul għal konvenut irrelevat li stante li r-rappreżentant tas-soċjeta' attriċi baqa ma ppreżentax id-dokumenti mitluba, liema dokumenti ġew mitluba fit-22 ta' Jannar 2024, hija kienet se tiddikjara l-provi tal-konvenut bħala magħluqa.

**<u>Ikkunsidra</u>**

Illi t-Tribunal għandu quddiemu sitwazzjoni fejn il-konvenut qiegħed jirrifjuta li jħallas l-ammont ta' elf, erbgħa mija u disa' u ħamsin ewro u sittin ċenteżmi (€1459.60c) għaliex qiegħed isostni li l-attriċi ma provditlux il-garanziji tal-prodotti li huwa akkwista mingħand l-

attriċi. Konsegwenza ta' dan il-konvenut spiċċa ma ġabarx flusu mingħand il-klijent tiegħu Gaetano Debattista.

Min-naħa l-oħra Noel Spiteri in rappreżentanza tal-attriċi jsostni li fl-ewwel lok l-invoices provduti lil konvenut huma garanzija minnhom innifishom u fit-tieni lok jsostni li kienet fir-responsabilta' tal-konvenut li kellu jimla l-warranty statement.

**<u>Ikkunsidra</u>**

It-Tribunal isostni li dan il-każ bi ftit ħsieb da parti tar-rappreżentanti tas-soċjeta' attriċi seta' ġie evitat. It-Tribunal isostni li kien żball kbir min-naħa tar-rappreżentanti tas-soċjeta attriċi li fl-invoices ma ġewx imniżżlin is-serial numbers tal-batteriji li ġew mibjugħa lil konvenut, aktar u aktar meta' dawn l-istess invoices kienu qegħdin jitqiesu minnhom infushom bħala sentejn garanzija fuq il-prodotti akwistati mill-konvenut.

Noel Spiteri fil-kontro-eżami tiegħu nsista li ma huwiex veru li huwa ma kienx għadda lil Robert Borg il-warranty statement meta xtara l-prodotti u għaddihulu biss meta nqalgħet il-kwistjoni u insista li għandu email li jindika dan. **Huwa kellu jippreżenta dan l-email bħala prova ta' dan il-fatt.** Għal xi raġuni jew oħra dan l-email baqa qatt ma ġie eżebit in atti u għalhekk it-Tribunal ma tantx jista joqgħod fuq dak li sostna Noel Spiteri. Dan qiegħed jingħad għaliex li kieku ġie pruvat li Robert Borg kien ingħata warranty statement vojta, allura it-Tribunal kien jasal biex jikkunsidra li kienet fir-responsabilta' tal-konvenut li jimla l-warranty statement hu stess, u dan minħabba li fuq din l-istess warranty statement hemm indikat ċar u tond li l-garanzija hija valida għal sentejn mill-ġurnata tal-akkwist *'as evidenced by the original receipt'* u hemm indikat ukoll li kien jeħtieġ li jimtlew id-dettalji ta' min akkwista dak il-prodott, l-indirizz, il-vat number, l-invoice number u **anke il-battery serial number.** Madanakollu t-Tribunal isostni li ma ġiex sodisfaċentament ippruvat li l-konvenut ingħata din il-formula tal-warranty statement fil-mument li akkwista l-batteriji.

Min-naħa l-oħra l-konvenut Robert Borg xehed li huwa kemm il-darba talab il-garanzija tal-prodotti li akkwista mingħand l-attriċi, liema garanziji baqgħu qatt ma ngħatawlu u minħabba f'hekk huwa stess għad fadallu jiġbor xi flus mingħand xi klijenti li ma jridux iħallsuh qabel ma jgħaddilhom il-garanzija. Fix-xhieda tiegħu sostna wkoll li klijent ma jridx iħallsu. Lil dan il-klijent huwa kien biegħlu erba' batteriji fl-ammont ta' €600 il-waħda u inverter li jiswa €570. Il-batteries ma bdewx iżommu c-charge kif suppost u għalhekk il-klijent irrifjuta li jħallsu. Sostna wkoll li huwa qatt ma għadda s-serial codes u l-indirizz ta' fejn installa l-prodotti lir-rappreżentanti tal-attriċi għaliex huwa qatt ma ġie mitlub li jagħmel dan.

Ix-xhieda tal-konvenut Robert Borg hija korraborata mix-xhieda ta Gaetano Debattista. Gaetano Debattista sostna li madwar erba' snin ilu, huwa kien inkariga lil konvenut Robert Borg sabiex jinstallalu s-sistema ta' pannelli u batteriji. Wara xi sena l-batteriji ma bdewx iżommu c-charge (u allura fil-perjodu li l-batteriji kienu għadhom koperti bil-garanzija) u in fatti kellu jbiddilhom. Lil konvenut infurmah li huwa ma kienx se jħallsu qabel ma jagħtih il-garanzija u fil-fatt tal-batteriji baqa qatt ma ħallsu. L-istess Gaetano Debattista sostna li l-konvenut Robert Borg kien dejjem isostni miegħu li huwa qiegħed jistenna li tingħatalu l-garanzija mingħand min kien xtrahom.

**<u>Ikkunsidra</u>**

It-Tribunal huwa tal-fehma li l-eċċezzjonijiet tal-konvenut huma ġustifikat. Dan qiegħed jingħad għaliex filwaqt li huwa minnu li l-konvenut sa mill-ewwel ġurnata li xtara l-ewwel prodott mingħand l-attriċi, kellu jassigura li kien qed ikun kopert b'garanzija valida (u dan qiegħed jingħad għax huwa evidentament ċar li l-invoice mingħajr serial number tal-batteriji ma kinitx qegħda sservi ta' garanzija valida u t-Tribunal ma jemminx li l-konvenut kien ingħata l-formula tal-warranty statement mall-akkwist tal-prodotti), madanakollu t-Tribunal isostni li hija fir-responsabilta' ta' min ibiegħ il-prodott li jkun kopert b'garanzija li jassigura li jekk il-prodott isofri minn xi ħsara fil-perjodu tal-garanzija min ikun akkwista dak il-prodott verament ikun kopert bil-garanzija u mhux vici versa.

It-Tribunal huwa tal-fehma wkoll, li l-konvenut irnexxilu jipprova li kaġun tal-fatt li rappreżentanti tal-attriċi baqgħu qatt ma' għaddewlu garanziji validi tal-prodotti mixtrija mingħandhom huwa sofra d-danni, liema danni jirriżulta li jiżbqu l-ammont li l-attriċi tippretendi li għandha tirċievi mingħand l-istess konvenut.

Għalhekk it-Tribunal se jkun qiegħed jiċħad it-talba tal-attriċi.

**Decide**

**Għaldaqstant**, it-Tribunal, jaqta' u jiddeċiedi dan il-każ billi filwaqt illi jilqa l-eċċezzjonijiet tal-konvenut, jiċħad it-talba tal-attriċi.

L-ispejjeż ġudizzjarji marbuta ma' dawn il-proċeduri minħabba n-natura tal-każ u b'applikazzjoni ta' l-Artikolu 10(1) tal-Kapitolu 380 tal-Liġijiet ta' Malta għandhom jibqgħu bla taxxa bejn il-partijiet.

**Avv Dr Christopher Chircop**
**Ġudikatur**

**Rosanne Piscopo**
**Deputat Reġistratur**